MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 162/2005

**Avviz numru 162/05DM**

**Vincent Cuschieri Limited (C-4162)**

**Vs**

**Mallard Co Ltd (C-4758)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' erba' t'elef, tmin mija u erbgha u tmenin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm4,884.83) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta u fuq struzzjonijiet taghha stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-18 ta' Jannar, 2005, u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura

relattiva, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi permezz ta’ nota tal-24 ta’ Gunju, 2005, il-kumpanija attrici cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Billi l-konvenuti debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru biex jirrispondu ghall-kapitolu in subizzjoni pprezentat mill-atturi, it-talba attrici ghall-ispejjez tinstab gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghaldaqstant tilqa’ it-talba ta’ l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------